MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 770/2002

**Michael Cohen u David Formosa, fil-kwalita' tagħhom rispettivament ta' Sindku u Segretarju u għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara**

**-vs-**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ministru tal-Intern u l-Ambjent Dr. Tonio Borg; u b'digriet tad- 19 t'Awissu 2002 l-Onorevoli Joseph Mizzi ġie mħolli jidħol fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-5 ta' Lulju 2002 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-Awtorita' tal-Ippjanar, illum il-konvenuta Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, permezz ta' Local Plan, magħruf bħala l-Grand Harbour Local Plan, approvat fil-11

ta’ Jannar 2002, iddeċidiet li tawtorizża l-iżvilupp għall-bini ta’ parti kbira mill-Wied tal-Kalkara, li jinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

Illi l-konvenut Ministru Tonio Borg approva d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita’ tal-Ippjanar minkejja l-oppożizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara, tar-residenti tal-Kalkara u ta’ diversi għaqdiet mhux governattivi.

Illi l-Pjan ta’ Struttura għall-Gżejjer ta’ Malta, approvat mill-Parlament fl-1990, jipprovdi li:

*“valleys will continue to be protected as important water cachment areas”* (RCO 28); u li

*“no physical development will normally be allowed on the sides of valleys and especially on valley watercourses except for constructions aimed at preventing soil erosion and the conservation and management of water resources”* (RCO 29).

Illi fl-1998, l-Awtorita’ tal-Ippjanar stess, kienet identifikat il-wied tal-Kalkara bħala *“site of scientific importance (level 2) for reasons”*, u konsegwentement il-wied kellu jiġi protett u ebda żvilupp ma jiġi awtorizzat fih.

Illi anke d-Dipartiment Għall-Ħarsien tal-ambjent (illum amalgamat bħala parti ntegrali mill-konvenuta Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) f’ittra lill-Awtorita’ tal-Ippjanar tat-22 ta’ Mejju 2001, tenna li l-Wied tal-Kalkara għandu jiġi konservat u ma jiġix żviluppat.

Illi d-deċiżjoni tal-konvenut li jippermettu l-iżvilupp fil-Wied tal-Kalkara tmur kontra l-liġi u kontra l-Pjan ta’ Struttura approvat mill-Parlament.

Illi *inoltre* l-iżvilupp tal-bini propost ser ikollu impatt negattiv kbir billi ser jeqred pulmun ambjentali importanti fil-Kottonera li jservi wkoll ta’ lqugħ naturali għall-ilmijiet tax-xita u konsegwentement ser iżid ir-riskju ta’ għarar fil-partijiet residenzjali tal-Kalkara.

Illi d-deċiżjoni tal-konvenuti ttieħdet bla ma segwew il-proċeduri u d-dispożizzjonijiet legali biex jinbidel il-Pjan ta' Struttura.

Jgħidu l-istess konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni tagħhom li jawtorizzaw l-iżvilupp għall-bini ta' parti kbira mill-Wied tal-Kalkara, kif fuq ingħad, ittieħdet b'mod irregolari u bi ksur tal-liġi u / jew bi ksur tal-Pjan Strutturali approvat mill-Parlament;

2. Konsegwentement tiddikjara l-istess deċiżjoni nulla u bla effett; u

3. Għaldaqstant tinibixxi lill-konvenuti milli jawtorizzaw kwalunkwe żvilupp fl-imsemmi Wied tal-Kalkara.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar preżentata fil-11 ta' Ottubru 2002 fejn ġie premess illi:

1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvediment tal-Artikolu 469A tal-Kap 12;

2. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi *nomine* kif ukoll l-intervenut fil-kawża għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri;

3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi:

i. L-unika deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' intimata hija l-approvazzjoni tal-Pjan Lokali magħruf bħala l-Grand Harbour Local Plan;

ii. It-talbiet attriċi m'humiex diretti kontra l-validita' *o meno* tal-Pjan Lokali li għalih issir referenza fil-premessi taċ-ċitazzjoni, izda dwar deċiżjoni li allegatament ittieħdet mill-konvenuti li *"jawtorizżaw l-iżvilupp għall-bini ta' parti kbira mill-Wied tal-Kalkara"*, u għaldaqstant l-ewwel u t-tieni talba ma jistgħux jintlaqgħu;

iii. Illi t-tielet talba tal-Kunsill attur hija ġenerika u mingħajr l-ebda bażi la ġuridika u lanqas fattwali *stante* li anke meta wieħed jikkonsidra t-talba, u ċjoe' dik li l-istess Awtorita' intimata għandha tinżamm milli tawtorizża kwalunkwe żvilupp fil-Wied tal-Kalkara, joħroġ car illi tali talba, fil-mertu qatt ma tista' tintlaqa' *stante* li tali talba la fiha parametri speċifiċi, u neċessarjament u direttament timpinġi fuq drittijiet li ma jappartjenux la lill-intimata Awtorita' konvenuta u lanqas lill-Kunsill attur;

4. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-approvazzjoni minn naħa tal-Awtorita' konvenuta tal-Ġjan Lokali magħrufa bħala l-Grand Harbour Local Plan, li jinkludi l-*area* tal-Wied tal-Kalkara, saret mill-istess Awtorita' skond il-provvedimenti tal-Att 1 tal-1992 kif sussegwentement emendat, u in piena osservanza tal-Liġijiet viġenti, u għaldaqstant, anke għal din ir-raġuni, l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess Awtorita' konvenuta għamlet dawk l-istudji kollha li hija ħasset li kienu neċessarji qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ħadet konjizzjoni tal-varji osservazzjonijiet u presentazzjonijiet magħmula kemm mill-Kunsill konvenut kif ukoll minn terzi persuni, u għaldaqstant anke għal din ir-raġuni, l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-lista tax-xhieda.

Rat nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Ministru tal-Intern u l-Ambjent ppreżentata fil-21 t'Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-ewwelnett l-Onorevoli Joseph Mizzi ma jistax jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis* bħala attur iżda bħala intervenut fil-kawża huwa jista' jieħu biss il-vesti ta' konvenut. Għalhekk l-intervent tal-imsemmi Onorevoli Joseph Mizzi f'din il-kawża bħala attur, kif jidher min-notament fuq l-att taċ-ċitazzjoni, huwa irritwali u għandu jiġi revokat.

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi tieħu konjizzjoni tat-talbiet kif proposti f'din il-proċedura ġenerali għall-annullament ta' att amministrattiv, *stante* l-eżistenza ta' mezzi ta' rimedju speċjali provduti fl-Att dwar l-Ippjanar illi jeskludu r-rikors għall-azzjoni ta' *'judicial review'* ġenerali fit-termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap 12.

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-azzjoni hija karenti minn fondament ġuridiku stante l-mankanza ta' interess ġuridiku fl-atturi fil-promozzjoni tal-azzjoni.

4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-esponent ma wettaq ebda irregolarita jew illegalita' kif allegat fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi biex l-aġir tiegħu jiġi annullat jew dikjarat bħal li huwa mingħajr effett.

5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-tielet talba fiċ-ċitazzjoni illi permezz tagħha qiegħed jintalab l-ħruġ ta' inibizzjoni assoluta u perpetwa ta' *"kwalunkwe żvilupp"* fil-Wied tal-Kalkara, ma ssegwix mill-premessi u mit-talbiet l-oħra fiċ-ċitazzjoni u in kwantu titlob l-implimentazzjoni ta' miżura amministrattiva,

tmur *oltre* l-istess ġurisdizzjoni tal-Qrati u għandha tiġi miċħuda.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Ministru tal-Intern u l-Ambjent u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tad-19 ta' Awissu 2002 li permezz tagħha ġie awtoriżżat jintervjeni fil-kawża l-Onorevoli Joseph Mizzi;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-perit legali;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dottor Vincent Galea bl-assistenza tal-espert tekniku l-A.I.C. Alan Saliba li ġew nominati biex jirrelataw dwar it-talba attriċi wara li jieħdu konjizzjoni tal-eċċezzjonijet tal-konvenuti, liema rapport ġie debitament maħluf;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-att promotur l-attur nomine qed jitlob dikjarazzjoni li d-deċiżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha ġie awtoriżżat l-iżvilupp imsemmi ġiet meħuda irregolarment u allura tiġi dikjarata nulla.

Illi għal raġunijiet ċari l-Qorti se tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta, u ċjoe' dik li l-istess Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawża *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qabel xejn il-Qorti tgħid li ma hemmx dubju li l-kawża odjerna qed issir *ai termini* ta' dan l-artikolu. Infatti s-sub inċiż (2) ta' dan l-artikolu jgħid li l-***għemil amministrattiv*** li jista' jiġi attakkat skond l-artikolu in kwistjoni jinkludi *'permess … li jsir minn awtorita' pubblika'.*

Illi għall-aħjar intendiment tal-kawża l-*iter* li wassal għall-kawża nnifisha kif sewwa spjega l-perit legali kien dan:

*(i) Lejn l-aħħar tas-snin tmenin (1980) u l-bidu tas-snin disgħin (1990), permezz tal-'Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer ta' Malta', il-Parlament Malti kien fassal pjan sabiex eventwalment jiġu żviluppati partijiet mill-gżejjer tagħna, fosthom ġewwa l-Wied tal-Kalkara;*

*(ii) Fid-dawl ta' tali Pjan l-Awtorita' mħarrka kienet, matul iż-żminijiet u fi stadji diversi, bdiet il-makkinarju tagħha sabiex tattwa tali Pjan ta' Żvilupp u tintraprendi xi żviluppi delinejati fl-istess Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer ta' Malta;*

*(iii) Fost diversi żoni, kien hemm parti mill-Wied tal-Kalkara li kellu jiġi żviluppat, in parti, f'żona residenzjali;*

*(iv) Għal tali fini l-Awtorita' mħarrka fl-24 ta' April, 2001 kienet ħarġet il-"Kalkara Valley Replanning Exercise. Grand Harbour Local Plan. Public Consultation Draft. Proposed Amendment to Policy GK03 'Residential Development in Kalkara u stiednet lill-pubbliku biex jagħmel osservazzjonijiet dwar dan l-aspett, u ċjoe' sabiex il-pubbliku in ġenerali jagħmel kummenti dwar l-iżvilupp fil-Wied tal-Kalkara;*

*(v) Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara kien għamel xi osservazzjonijiet u wkoll kien hemm laqgħa bejn rappreżentanti tal-Awtorita' mħarrka u l-Kunsill Lokali tal-Kalkara;*

*(vi) Eventwalment, fil-11 ta' Jannar, 2002 l-Awtorita' mħarrka, tramite l-Planning Authority Board, iddiskutiet id-dokument li kien inħareġ fl-24 ta' April, 2001 u approvatu, b'ċertu emendi;*

*(vii) L-iżvilupp kien jikkomprendi, inter alia, bini ta' terraced houses u anke ta' villa;*

*(viii) Fil-5 ta' Lulju, 2002, kontestwalment ma' l-intavolar tal-preżenti azzjoni, l-Kunsill Lokali tal-Kalkara talab biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni sabiex jinibixxi*

*lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar milli tattwa l-iżvilupp propost fil-Wied tal-Kalkara;*

*(ix) Il-mandat ġie trattat fl-udjenza tal-24 ta' Lulju, 2002 u b'digriet datat 30 ta' Lulju, 2002, din il-Qorti, diversament presjeduta, ċaħdet it-talba tal-Kunsill Lokali rikorrenti, bl-ispejjeż a karigu tiegħu;*

*(x) Għalhekk għad jifdal li jiġi determinat il-mertu tad-domanda attriċi mressqa kontestwalment mal-mandat imsemmi fejn il-Kunsill Lokali qed jittenta jimpunja d-deċiżjoni tal-Awtorita' mħarrka datata 11 ta' Jannar, 2002 bil-għan oriġinali li jwaqqaf l-iżvilupp propost;"*

Illi kif ukoll irrimarka l-perit legali l-Artikolu 469A jagħti lil persuna li tixtieq tagħmel dan l-opportunita' li jitlob it-tħassir ta' għemil amministrattiv kif definit fl-istess artikolu għalkemm il-Qrati tagħna kienu ġja' diversi drabi li kellhom il-poter jissindikaw id-diskrezzjoni amministrattiv ferm qabel ġie fis-seħħ dan l-artikolu. (vide sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Avv. Dottor Francesco Masini vs Wilfred Podesta"** (21 ta' April 1961).

Illi *una volta* saret il-leġiżlazzjoni msemmija, naturalment il-Qrati ġew marbuta fil-parametri li l-liġi tipprovdi għal dan l-istħarriġ ta' għemil amministrattiv. Is-sub-inċiż (4) ta' dan l-artikolu jgħid infatti illi:

*"Id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amminstrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra."*

Illi huwa magħruf li skond l-Att numru I tal-1992 twaqqaf Bord imsemmi Bord tal-Appell tal-Ippjanar li għandu fost affarijiet oħra kompetenza li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min ikun iħossu aggravat minn deċiżjonijiet tal-Aworita dwar kull ħaġa ta' kontroll tal-iżvilupp. Id-deċiżjonijiet tal-Bord imsemmi huma finali ħlief għall-kwistjonijiet ta' liġi li jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti tal-Appell.

*“15. (1) Bla ħsara għall-artikolu 32A(4) u għall-artikolu 47(4), il-Bord ta’ Appell ikollu ġurisdizzjoni li:*

*... omissis ...*

*(d) li jisma’ u jiddeċiedi appelli interposti minn terzi persuni interessati minn deċizjoni tal-Awtorita’ dwar kull ħaġa ta’ kontroll tal-iżvilupp, b’dan illi:*

*... omissis ...*

*(iii) kunsill lokali li fil-lokalita’ tiegħu jkun qed jiġi propost li jsir l-iżvilupp għandu dejjem jitqies għall-fini u għall-effetti kollha tal-liġi li huwa terza persuna interessata basta li dak il-kunsill ikun għamel sottomissjonijiet bil-miktub skond l-artikolu 32(5) u li jaġixxi fl-interess tal-lokalita’;*

*54. Illi hawnhekk issir referenza għall-Artikolu 32(5) tal-istess Att illi jispeċifika dan:*

*32. (5) Kull persuna tista’, għal raġunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta’ ppjanar, tagħmel sottomissjonijiet fejn toġġezzjona kontra xi żvilupp. Dik l-oġġezzjoni għandha ssir bil-miktub u għandha jkun fiha espożizzjoni motivata għaliha, u għandha tasal għand l-Awtorita’ fi żmien ħmistax-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fis-sub-artikolu (4) ta’ dan l-artikolu, b’dan illi l-Awtorita’ tista’ f’każ ta’ proġetti kbar testendi l-imsemmi perjodu għal tletin ġurnata u f’dan il-każ għandha tagħti avviż ta’ tali estensjoni fl-imsemmija pubblikazzjoni. Dak iż-żmien jista’ jitqassar għal sebat ijiem f’każijiet urġenti kif jista’ jiġi ndikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita’ għandha tikkonsidra u tiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni. Kull persuna li tkun għamlet oġġezzjonijiet bil-miktub għall-iżvilupp kif ingħad hawn fuq għandha tiġi nformata mill-Awtorita’ jew mill-Kummissjoni, skond kif ikun il-każ, meta jkunu ġew ppreżentati pjanti ġodda, jekk dan ikun il-każ, u dik il-persuna għandha tiġi mistiedna biex tkun preżenti għal-laqgħa tal-Awtorita’ jew tal-Kummissjoni meta dik l-applikazzjoni tiġi diskussa;*

*55. Illi dan il-preċitat sub-inċiż a sua volta jirreferi għas-sub-inċiż (4) tiegħu li jipprovdi hekk:*

*32. (4) L-Awtorita' għandha, għas-spejjeż ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jiġu pubblikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviż fis-sit. L-Awtorita' għandha tkun responsabbli li twaħħal avviż fis-sit u l-applikant għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' mwaħħal għal perjodu ta' għoxrin jum mid-data li l-avviż jiġi hekk imwaħħal. Kopja ta' kull applikazzjoni u pjanta relattiva li turi fejn jinsab is-sit għandhom jiġu notifikati mill-Awtorita' lill-kunsill lokali li fil-lokalita' tiegħu jkun qed jiġi propost li jsir l-iżvilupp. F'każ ta' proġetti kbar l-Awtorita' tista' titlob lill-applikant li jippubbliċiżża l-applikazzjoni tiegħu f'dik il-manjiera oħra li hija jidhrilha xieraq. Il-Ministru jista' jippreskrivi metodi oħra biex tingħata pubbliċita' lill-applikazzjoni apparti dawn ta' hawn aktar qabel.*

*56. Illi ta' min jirrileva illi l-Artikolu 15, senjatament il-paragrafu (iii) tiegħu fuq ċitat, ġie ntrodott bl-Att XXI ta' l-2001, filwaqt li s-sub-inċiżi (4) u (5) ta' l-Artikolu 32 issostitwew il-precedenti sub-inċiżi (4) u (5) qabel eżistenti. Dawn id-dispożizzjonijiet, ilkoll daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2002 permezz tal-Avviz Legali 20 tal-2002."*

Illi kif sewwa rrimarka l-perit legali peress li l-att amministrattiv in kwistjoni sar f'Jannar 2002 allura l-liġi applikabbli għal dan il-każ hija dik *in vigore* dakinhar kif mgħallem mill-**Pacifici Mazzoni** (**Vol I. paġna 118**) – *e' elementare e logivo che ogni leggge essendo regola ed avendo per officio il comandare o il proibire non puo disporre che per l' avvenire …* kif ukoll *'non deve attribuire alla legge effetto retroattivo se non risulti nella maniera piu chiara e certa, dovendosi nel dubbio escludere*.'

Illi l-liġi in kwistjoni fl-2002 kienet tgħid hekk:

*15. (1) Il-Bord ta' Appell ikollu ġurisdizzjoni –*

*(a) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar kull ħaġa ta' kontroll tal-iżvilupp, inkluż it-twettiq ta' dak il-kontroll:*

*Iżda dak l-appell jista' jsir biss mill-applikant jew minn terza persuna li tkun għamlet xi kummenti meta tkun ġiet pubblikata l-applikazzjoni għall-għemil ta' żvilupp u m'għandu jkun hemm ebda appell minn terza persuna minn deċiżjonijiet dwar kontroll ta' żvilupp dwar xi żvilupp li jkun speċifikament awtorizzat fi pjan ta' żvilupp approvat.*

*(b) li jiddeċiedi kull ħaġa riferita lilu taħt l-artikolu 27 ta' dan l-Att;*

*(c) li jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti pariri lill-Kabinett dwar kull proposta ta' żvilupp minn xi dipartiment jew aġenzija tal-Gvern meta d-dipartiment jew aġenzija tkun ikkontestat id-deċiżjoni tal-Awtorita' dwar dik il-proposta."*

Illi filwaqt li l-artikolu 32 kien jgħid illi:

*"32. (1) Kull min jixtieq jagħmel żvilupp, li ma jkunx żvilupp li għalih permess huwa mogħti f'ordni dwar żvilupp u li jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' dak l-ordni, għandu japplika lill-Awtorita' għal permess għal żvilupp, b'dak il-mod, f'dik il-forma u mogħtija dik l-informazzjoni li l-Awtorita' tista' tippreskrivi.*

*(2) Kulħadd jista' wkoll japplika lill-Awtorita' sabiex jiġi deċiż jekk proposta tikkostitwix żvilupp u teħtieġx permess għal żvilupp.*

*(3) Min japplika għal permess għall-iżvilupp għandu jiċċertifika lill-Awtorita' li huwa s-sid tal-art jew li avża lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra reġistrata li l-Awtorita' tkun irċeviet kopja tagħha.*

*(4) L-Awtorita' għandha, a spejjeż ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jiġu pubblikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviż fuq il-post.*

*(5) Kull persuna tista', għal raġunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta' pjanar, tilmenta u toġġezzjona kontra xi żvilupp. Dik l-oġġezzjoni għandha ssir bil-miktub u jkun fiha espożizzjoni motivata għaliha, u għandha tasal għand l-Awtorita' fi żmien ħmistax-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fis-sub-artikolu (4) ta' dan l-artikolu. Dak iż-żmien jista' jitqassar għal sebat ijiem f'każijiet urġenti kif jista' jiġi indikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita' għandha tikkonsidra u tiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni."*

Illi kif irrelata l-perit ġudizzjarju l-Qrati tagħna irritenew li dan l-artikolu kien ifisser li kull persuna u allura anke kunsill lokali seta' jappella minn deċiżjoni dwar proposta ta' żvilupp. Dwar dan ġew imsemmija tlett sentenzi, u ċjoe', **"Austin Attard Montaldo vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Awissu 1996 mill-Qorti tal-Appell u **"Charles Camilleri vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** u **"Kunsill Lokali Birzebbuga vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deċiżi t-tnejn fis-7 ta' Lulju 2004 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi għalhekk huwa ċar għall-Qorti illi l-attur *nomine* kellu a dispożizzjoni tiegħu appell kif imsemmi iżda dan ma ġiex utiliżżat u minflok ġiet intavolata din il-kawża. Il-Qorti taqbel ukoll mal-konklużjoni tal-perit legali illi l-attur *nomine* ma ġab ebda raġuni għala dan ma għamlux (ara s-sentenza fl-ismijiet **"Bunker Fuel Oil Company Ltd vs Paul Gauci"** – Qorti tal-Appell 6 ta' Mejju 1998) u għalhekk ma hemmx triq oħra għall-Qorti ħlief li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta *ai termini* tas-sub-inċiz 4 tal-Artikolu 469A.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta u tiddikjara li ma għandhiex kompetenza tisma' u tiddeċiedi l-kawża u għalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur *nomine* filwaqt li l-intervenut fil-kawża għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------